



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 42/23

Il-Lussemburgu, 3 ta' Marzu 2023


Statistika ġudizzjarja 2022: kawżi li jirriflettu l-interessi prinċipali tad-dinja tal-lum (l-Istat tad-dritt, l-ambjent, il-protezzjoni tal-ħajja privata fl-era diġitali, eċċ.) u kawżi mnissla mill-miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-gwerra fl-Ukraina

Livell għoli tan-numru ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea kkonstatat għall-ħames sena konsekuttiva

In-numru ta' kawżi mressqa quddiem iż-żewġ qorti fl-2022 huwa simili għal dak tas-sena li għaddiet (1 710 kawżi fl-2022, imqabbla ma' 1 720 kawża fl-2021), u b'hekk jibqa' f'livell għoli ħafna. Fil-fatt, **żieda sinjifikattiva u strutturali fin-numru ta' kawżi mressqa tista' tiġi kkonstatata għal dawn l-aħħar ħames snin, b'mod partikolari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (+21 %)**. Bejn l-2013 u l-2017, il-Qorti tal-Ġustizzja rċeviet medja ta' 693 kawża fis-sena, filwaqt li din il-medja kienet ta' 839 bejn l-2018 u 2022, medja li b'hekk tirrappreżenta żieda ta' 146 kawża fis-sena. In-numru ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali laħaq livell stabbli, b'medja ta' 883 kawża mressqa fis-sena.

Fir-rigward tal-kawżi ttrattati, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali rnexxielhom jagħlqu, bejniethom, 1 666 kawża fl-2022, ċifra qrib il-medja tal-aħħar snin (medja ta' 1 692 kawża fis-sena bejn l-2018 u l-2021).

Evoluzzjoni ġenerali tal-attività ġudizzjarja tal-istituzzjoni bejn l-2018 u l-2022: kawżi ġodda, kawżi magħluqa u kawżi pendenti



	2018	2019	2020	2021	2022
Kawżi ġodda	1 683	1 905	1 584	1 720	1 710
Kawżi magħluqa	1 769	1 739	1 540	1 723	1 666
Kawżi pendenti	2 334	2 500	2 544	2 541	2 585

Fir-rigward tas-suġġetti koperti mill-kawżi mressqa quddiem iż-żewġ qradi, Koen Lenaerts, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, josserva li *“l-istituzzjoni hija mistennija tadotta, iktar minn qatt qabel, deċiżjonijiet ġudizzjarji dwar suġġetti sensittivi. Id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali jolqtu direttament l-iktar interessi importanti tad-dinja tal-lum foqasma bħalma huma l-ħarsien tal-valuri inerenti għall-Istat tad-dritt, il-protezzjoni tal-ambjent, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-data personali, l-osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni mill-ġganti diġitali, il-protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll l-istħarriġ tal-legalità tal-miżuri restrittivi adottati bħala reazzjoni għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem jew tad-dritt internazzjonali.”*


Bil-ġħan li tħares il-kapaċità tagħha li tagħti deċiżjonijiet ta' kwalità fi żmien raġonevoli, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li użat il-possibbiltà mogħtija lilha mit-Trattati, fit-30 ta' Novembru 2022 bagħtet lill-leġiżlatur tal-Unjoni [talba](#) intiża għat-trasferiment tal-kompetenza preliminari f'ċerti oqsma speċifiċi lill-Qorti Ġenerali kif ukoll għall-estensjoni tal-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja

In-numru ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja huwa wieħed għoli din is-sena, b'mod partikolari fil-qasam preliminari.

In-numru ta' kawżi pendenti quddiem din il-qorti huwa stabbli (1 111-il kawża fl-2022, meta mqabbla ma' 1 113-il kawża fl-2021). In-numru ta' kawżi magħluqa fl-2022 huwa kemxejn ikbar minn dak tal-kawżi mressqa matul din l-istess sena.

Attività ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja – Kawżi ġodda, kawżi magħluqa u kawżi pendenti (2018 – 2022)



	2018	2019	2020	2021	2022
Kawżi ġodda	849	966	737	838	806
Kawżi magħluqa	760	865	792	772	808
Kawżi pendenti	1 001	1 102	1 047	1 113	1 111

Fir-rigward tat-tul tal-proċedura, jista' jiġi kkonstatat **li numru dejjem ikbar ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jqajmu kwistjonijiet sensittivi u kumplessi li jeħtieġu iktar riflessjoni u ħin**. Madankollu, minħabba użu iktar estensiv ta' digriet, b'mod partikolari fir-rigward tal-appelli, it-tul globali tal-proċeduri (16.4 xhur) baqa' wieħed simili għal dak tas-sena li għaddiet (16.6 xhur). B'dan premess, tista' tiġi osservata żieda żgħira fit-tul medju tat-trattament tal-kawżi preliminari (17.3 xhur, imqabbla ma' 16.7 xhur fl-2021), żieda din li hija riflessjoni tal-kumplessità dejjem tikber tad-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Fir-rigward tal-orijini tar-rinviji għal deċiżjoni preliminari, jista' jiġi osservat li, fl-2022, kienu l-qorti Ġermaniżi (98), Taljani (63), Bulgari (43), Spanjoli (41) u Pollakki (39) li ressqu l-ikbar numru ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Kawżi preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mill-qradi tal-Istati Membri (2022)



BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	HR	IT	CY	LV	LT	LU	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	Total
30	43	13	4	98	4	14	4	41	23	4	63		4	6	2	20		28	34	39	28	29		7	6	2	546

Il-Qorti Ġenerali

Wara l-kawżi marbuta mal-kriżi sanitarja (kawżi dwar għajjuna mill-Istat, dwar kuntratti pubbliċi, dwar il-politika kummerċjali, dwar is-saħħa pubblika, dwar l-aċċess għad-dokumenti u dwar is-servizz pubbliku) li kkaratterizzaw is-sena 2021, **wieħed mill-fatti ewlenin tas-sena 2022 huwa t-tressiq ta' kawżi dwar il-miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-gwerra fl-Ukraina. B'mod iktar ġenerali, il-kawżi dwar miżuri restrittivi rrappreżentaw, b'103 kawżi ġodda, 11.4 % tat-total tal-kawżi mressqa fl-2022 (meta mqabbla ma' 4.8 % fl-2021 u ma' 3 % fl-2020).**

F'dan is-sens, il-President tal-Qorti Ġenerali, Marc Van der Woude josserva li *"fid-dawl tal-gwerra fl-Ukraina u tal-kuntest internazzjonali kkaratterizzat minn tensjonijiet dejjem ikbar, kif ukoll tal-iżviluppi leġiżlattivi reċenti (ir-regolazzjoni tal-ġganti diġitali, il-qafas stabbilit għall-għajjuna mill-Istat, b'mod partikolari fil-qasam fiskali u fis-settur tal-enerġija u tal-ambjent, il-protezzjoni tad-data personali, ...), l-istħarriġ tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni huwa mistenni li jsir iktar intensiv. Dak li huwa ċar huwa dan: il-Qorti Ġenerali hija kompletament konxja tar-responsabbiltajiet tagħha u ser torganizza ruħha sabiex taffaċċja din ir-realtà."*


Fil-qasam tal-għajjuna mill-Istat, tressqu xejn inqas min 68 kawża (meta mqabbla ma' 46 fl-2021 u 42 fl-2020) ¹. Għall-kuntrarju, ġie osservat tnaqqis fin-numru ta' rikorsi ġodda fil-qasam tal-proprjetà intellettuali (270, meta mqabbla ma' 308 fl-2021 u 282 fl-2020) u fil-qasam tas-servizz pubbliku (66, meta mqabbla ma' 81 fl-2021 u 120 fl-2020).

Fir-rigward tan-numru ta' kawżi pendenti, huwa ċar li, b'904 kawżi mressqa u 858 kawża magħluqa, dan in-numru żdied bi ftit u issa huwa ta' 1 474 kawża (meta mqabbla ma' 1 428 fl-2021). In-numru ta' kawżi mressqa huwa ikbar minn dak tal-aħħar sentejn (882 fl-2021 u 847 fl-2020), iżda għadu inqas minn dak ta' ċerti snin preċedenti (939 fl-2019, 917 fl-2017, 974 fl-2016, u 912 fl-2014). Bi 858 kawża magħluqa, il-Qorti Ġenerali qatgħet inqas kawżi milli fl-2021 (951). Dan it-tnaqqis ta' 9.8 % huwa ta' natura ċirkustanzjali u jirriżulta prinċipalment mit-tressiq ta' numru kbir ta' kawżi f'Diċembru 2022 u mid-diversi bidliet fil-kompożizzjoni tal-qorti minħabba, minn naħa, id-dħul fil-kariga ta'

¹ Li 50 minnhom tressqu minn persuni fiżiċi u ġuridiċi li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-iskema ta' għajjuna implimentata mill-Portugall favur iż-żona franka ta' Madeira.

Mħallfin ġodda matul l-ewwel nofs tas-sena, u, min-naħa l-oħra, it-tluq u l-wasla ta' Mħallfin f'Settembru 2022 fil-kuntest tat-tiġdid parzjali tal-Qorti Ġenerali li jsejtni kull tliet snin.

Attività ġenerali tal-Qorti Ġenerali – Kawżi ġodda, kawżi magħluqa u kawżi pendenti (2018-2022)



	2018	2019	2020	2021	2022
Kawżi ġodda	834	939	847	882	904
Kawżi magħluqa	1 009	874	748	951	858
Kawżi pendenti	1 333	1 398	1 497	1 428	1 474

Fir-rigward tat-tul medju tal-proċedura, dan baqa' sodisfaċenti ħafna. Din it-tul kien ta' 16.2 xhur għall-kawżi maqtugħa b'sentenza jew b'digriet (meta mqabbel ma' 17.3 xhur fl-2021 u ma' 15.4 xhur fl-2020) u ta' 20.4 xhur meta jitqiesu biss il-kawżi maqtugħa b'sentenza.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

